HAL-TARXIEN

# KUNSILL LOKALI HAL-TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 06/06

## IS-SITT AMMINISTRAZZJONI

* Il-Laqgħa Nru 06/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2009 fil-5.30pm fl-Uffiċċini Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa: — Attendenza

| | |
|---|---|
| Kavallier P. Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Frans Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Keith Darmanin | Kunsillier |
| Dr O. Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur Maurice L. Mallia | Seg. Eżek. |

*** Is-Sindku, s-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa, filwaqt li ta merħba lill-kulħadd.

Qabel ma beda l-laqgħa s-Sindku nforma lill-Kunsill li l-iskrivana Josianne Grech tilfet it-tarbija tagħha qabel ma' twieldet u għaldaqstant jixtieq iwasslilha s-simpatija u s-solidarjeta' magħha u mal-familja tagħha f'dawn il-mumenti diffiċli. Il-Kunsill assoċja ruħu mas-Sindku.

## 1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 04/06

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 4/06 tas-26/08/09 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu approvati.

**1.2** Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Seg. Eżek. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

**1.3** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Numru 05/06 tal-01/09/09 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu approvati.

**1.4** Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Seg. Eżek. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

**2.1** Is-Sindku qal li l-Kuntrattur ser ikompli bix-xogħol ta' *major patching* fejn kien mitlub li jagħmel u li s'issa għad ma lestiex. Major Patching

**2.2** Dwar it-tfigħ ta' laħam jinten fi Ġnien Joanne u postijiet oħra, is-Sindku ta d-dettalji bil-miktub tas-suspettat lill-pulizija sabiex jinvestigaw. Ġnien Joanne

2.2.1 Innota li dan l-aħħar ma reġgħax iltaqa' ma każi oħra.

**2.3** Is-Sindku qal li qed jinġabru gruppi ta' żgħażagħ, anki minn barra r-raħal, li qed jagħmlu diżastru fi Ġnien Ovindoli. Qed jagħmlu ukoll azzjonijiet deplorabbli u oxxeni kif ukoll ġlied u storbju Ġnien Ovindoli

2.3.1 Kompla jgħid li qed jieħu nota tal-ismijiet li jkun jaf u jgħaddihom lill-pulizija.

2.3.2 Qal ukoll li dawn iż-żgħżagħ, li huma ta' eta' żgħira wkoll, qed jinżlu fil-garaxxijiet u jagħmlu burdell, jista' wkoll li qed jabbużaw mid-droga.

2.3.3 Is-Sindku qal li l-gwardjani lokali jistgħu jħarrku biss fuq "litter act". Dan ġie diskuss fil-Kumitat Konġunt u sar ftehim li l-Kunsill konċernati jużaw is-servizz tal-gwardjani lokali sabiex jissorveljaw dawn il-postijiet ġimgħa kull Kunsill.

Is-*Sur I. Dalli attenda l-laqgħa fis-5.55pm*)

**2.4** Dwar l-infestazzjoni tal-ġrieden fi plots miftuħa, is-Sur L. Bonavia qal li tkellem ma' Uffiċjali Sanitarji. Plots Miftuħa

2.4.1 Spjega li mhux awtorizzati li jidħlu fi plots privati.

2.4.2 Dr O. Caruana qal li dan jista' jsir ladarba jkun hemm interess pubbliku.

2.4.3 Is-Sindku qal li dwar dawn il-plots tkellem waqt il-laqgħa li saret għall-Kunsillieri fejn aċċenna u semma' b'ismu lill-Ex Prim Imħallef JJ Cremona li għandu plots miftuħa u żdingati, imma ħadd mill-Awtoritajiet għadu ma ħa azzjoni fil-konfront tiegħu.

**2.5** Dwar it-tisbiħ ta' sqaqien, is-Sindku qal li wara li ltqajna mal-Kuntrattur ASFALTAR LTD, għad ma taniex risposta jekk hu jaċċettax il-proposti tal-Kunsill.

2.5.1 Kompla jgħid li ma' dan ix-xogħol hemm marbut ukoll it-tisbiħ tal-isqaq fejn ser niftħu x-xelter u dan qed iżommna li nibdew ix-xogħol fuq l-istess xelter. Apparti dan hemm fondi lill-UIF allokati li nistgħu nitilfuhom.

**2.6** Dwar il-bus shelters, is-Sur I. Dalli ser jagħmel arranġamenti biex niltaqgħu mal-ADT. Bus Shelters

**2.7** Dwar il-korsijiet, is-Sur F. Agius qal li għada ser jibda l-kors ta' l-ingliż; fil-5 t'Ottubru tal-Bizzilla, fis-7 t'Ottubru tal-Ganutell u fit-12 t'Ottubru tal-Malti. Korsijiet

2.7.1 Kompla jgħid li mill-Education infurmawna li l-applikanti tal-ganutell u bizzilla jridu jħallsu miżata ta' €34.94 għall-kors kollu, meta aħna rreklamajna li l-kors hu b'xejn.

2.7.2 Madanakollu l-Education ser jieħdu r-responsabbilta' huma ta' dan in-nuqqas ta' nformazzjoni tajba.

**2.8** L-ETC infurmawna min huma it-3 ħaddiema li ser jibgħatulna għall-iskema "Xogħol fil-Komunita'." Xogħol fil-Komunita'

**2.9** Is-Sindku qal li infurmajna lid-Dipt. dwar x'ser isir waqt il-kampanja edukattiva dwar "Indafa fil-Lokalita". Indafa fil-Lokalita'

2.9.1 Fost ħwejjeġ oħra ser jitqassmu 3000 *portable ashtrays* li ser jiswew €8107 kif ukoll posters u flyers li ser jiswew €662.

2.9.2 Is-Sur L. Bonavia talab biex il-bill boards li ser jintużaw nużawhom ukoll għall-posters mill-Health Promotion Unit relatati mas-saħħa.

**2.10** Ser jiġi ppubblikat l-avviż ta' sejħa għall-offerti għall-iskema "Energy Saving" il-ġimgħa li ġejja. Energy Saving

**2.11** Is-Sindku qal li l-proġett ta' Ġnien Kunsill Lokali 2000 issa ġie mħallas. Baqa' madwar €2000 diskrepanzi li tagħhom hu responsabbli l-Perit minħabba li ma kienx inkludihom fiċ-Ċertifikat tax-xogħol li kien intbgħat lill-Housing Authority. Ġnien Kunsill Lokali 2000

**2.12** Is-Sindku qal li l-Perit kien wieħeb billi oġġezzjoni għad-default notice li bgħatnilu u wieġeb għal dawn waqt laqgħa li kellna miegħu. Perit

**2.13** L-Accountant beda l-ewwel xogħol tiegħu mas-Seg. Eżek. Accountant

**2.14** Dwar Memo 46/2009 u Memo 53/2009, is-Sindku qal li nfurmajna lid-dipt. Li l-impjegati mhux ser jidħlu jaħdmu nhar ta' Sibt. Ftuħ nhar ta' Sibt

2.14.1 Is-Sindku qal, u l-Kunsill qabel unanimament, li biex inħaddmu persuna minn barra l-Kunsill għal ftit siegħat mhux validu li nagħtuha aċċess għall-uffiċini billi nafdawlha ċwievet u l-*code* tas-sigurta' tal-post.

2.14.2 Issemmew ukoll diversi fatturi oħra fosthom li jingħatawlha l-passwords tal-kompjuters, li ma hix intiża fuq il-policies, l-esiġenzi u l-prijoritajiet tal-Kunsill fejn jidħlu permessi u xogħlijiet fir-raħal; li ma tkunx taf kif ser tittratta mal-problemi, ilmenti u xogħlijiet oħra tal-uffiċċju; min ser ikun responsabbli mill-flus li jinġabru wara l-ħin tal-għeluq; kif ser issir ir-rikonċiljazzjoni u l-*handover* biex jiġu depożitati l-flus; min ser ikun responsabbli minn din il-persuna li ovvjament ħadd mhu ser jiltaqa' magħha għaliex ser tidħol biss għal ftit siegħat nhar ta' Sibt; kif ser isir l-assessjar tax-xogħol li tkun qed tagħmel.

2.14.3 Il-Kunsill qabel li dawn il-punti jidher li ħadd ma ta każ tagħhom u li ċertament joħolqu problemi fl-amministrazzjoni tal-uffiċċju.

2.14.4 Il-Kunsill jaqbel ukoll li jassigura li bl-ebda mod ma hu kontra li l-uffiċini jinfetħu nhar ta' Sibt imma għandha tinħoloq sistema aċċettabbli biex din topera mingħajr problemi bl-għajnuna tal-Awtoritajiet konċernati.

2.14.5 Dawn il-punti ser jitressqu għall-attenzjoni tad-Dipartiment.

**2.15** Dwar ir-rimarki tagħna lill-MEPA rigward l-area mmarkata bħala "Mixed Development Area" għad ma għandniex risposta. MEPA

**2.16** Dwar il-librerija s-Sindku qal li s'issa ġew irreġistrati 55 membru ġdid permezz tal-librerija tagħna. Librerija

2.16.1 Kompla jgħid li għandna madwar 400 ktieb li qed jiġu kategorizzati fil-Furjana u mijiet oħra lesti biex nibgħatuhom ukoll. Tlabna inventarju tal-kotba kollha li għandna.

2.16.2 Is-Sur L. Bonavia qal li s-Sur Michael Schiavone jixtieq joffri xi kotba.

**2.17** Saret it-talba lill-Kumitat Tismija tat-Toroq sabiex it-tliet sqaqien fi Triq Brittanika jissemmew għal persunaġġi li ddeċieda l-Kunsill. Tismija tat-Toroq

**2.18** Dwar il-kuntratt Ġbir ta' Skart Domestiku, il-Kuntrattur R. Attard wieġeb li mhux lest li jkompli jagħti s-servizz hekk kif jiskadi l-Kuntratt bil-kundizzjonijiet u rati preżenti minħabba spejjeż żejda li qed jiġi imposti fuqhom. Hu qed jitlob ħlas ta' €7558.11c fix-xahar, kontra dak eżistenti ta' €4413.49 jiġifieri żieda ta' €3144.62 fix-xahar. Ġbir ta' Skart Domestiku

2.18.1 Il-Kunsill iddiskuta u kkonkluda li mhix loġika li noħorġu għall-kwotazzjoni xahar b'xahar u lanqas baqa' żmien biżżejjed biex noħorġu sejħa għall-kwotazzjonijiet. Għallinqas noħorġu sejħa għal 3 xhur.

2.18.2 Saret il-mistoqsija wkoll min ser jassorbi l-ispejjeż żejda li qed nintalbu li nħallsu.

2.18.3 Sadanittant irċevejna kwotazzjoni ta' €10,500 għal xahar mingħand S. Mifsud.

**2.19** L-organizzaturi tas-Serata ta' Għana rringrazzjaw lill-membri kollha tal-Kunsill kif ukoll lis-Seg. Eżek. u l-istaff għall-għajnuna biex din l-attivita' irnexxiet. Serata ta' Għana

**2.20** Is-Sindku qal li l-attivita' EPOKA kienet suċċess imma ġew innutati xi nuqqasijiet bħal gabbani mingħajr permessi meħtieġa, bins ma kienx hawn u lanqas mobile toiliets. EPOKA

**2.21** Ser ilaqqa' lill-għaqdiet konċernati sabiex isir *post mortem* meħtieġ.

**2.22** Kopja tal-Memo 52/2009 dwar "Skema dwar Inizjattivi Sportivi 2010" ġiet mgħoddija lis-Sur K. Darmanin sabiex jipprepara l-applikazzjoni. Inizjattivi Sportivi

**2.23** Ser issir talba biex il-laqgħa dwar it-Tiġdid fil-Kunsilli Lokali ma' Dr Chris Said tiġi posposta għal data oħra minħabba li s-Sindku ser ikun imsiefer; kif ukoll biex il-ħin ikun għal iżjed tard wara nofsinhar. (Minflokk il-Ġimgħa 16 t'Ottubru fil-11.00 ta' filgħodu). Tiġdid fil-Kunsill Lokali

**2.24** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tagħna għall-iskema "Fondi Speċjali għall-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali" ma ġietx milqugħa minħabba li ma kkwalifikatx għal kriterji hawn imsemmija : bliet kapitali, żoni turistiċi, lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali (tindif kif ukoll piżijiet żejda fuq il-lokalita'), u lokalitajiet Ċentrali. Fondi Speċjali

**2.25** Is-Sindku qal li ġejna infurmati mis-Sur S. Xuereb li m'għadux jagħmel parti mill-kumpanija NEXOS u għaldaqstant m'għadux responsabbli mid-dwal tat-toroq imma ser ikun hemm is-Sur J. Borg minfloku. NEXOS

2.25.1 Kompla jgħid ukoll li l-Kumitat Konġunt ġie xolt għaliex ma kienx qed jiltaqa' u l-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali wrew nuqqas ta' interess.

2.25.2 Sadanittant infurmajna b'dan lid-Direttur kif ukoll li l-Kunsill għadu qed jinqeda bis-servizz ta' NEXOS. Tlabna wkoll lid-Direttur jidderiġina x'għandna nagħmlu f'dan ir-rigward in vista tal-fatt li ser jiġu maħluqa Kumitati Reġjonali.

**2.26** Is-Sindku qal li ktibna lir-resident li toqgħod f'nru 30 Triq Sta Tereza bl-appartmanet tagħha li jinsab fuq iċ-Ċentru Komunitarju dwar il-ħsara u periklu minħabba li mingħandha qed jinżel ilma fiċ-Ċentru. Ċentru Komunitarju

2.26.1 Kompla jgħid li żammejniha responsabbli għal kwalunkwe ħsara li ġiet u li tista' tiġi kkaġunata kif ukoll għall-periklu u riskji oħra fuq il-persuna u s-saħħa ta' terzi.

**2.27** Infurmajna lill-pulizija dwar rampi llegali fuq u taħt il-bankina quddiem dar Sagra Familja fi Triq il-Witja. Rampi Illegali

**2.28** Irreferejna talba lill-ADT mingħand l-Iskola Immaculate Conception sabiex il-parti ta' fuq ta' Triq is-Sorijiet tingħalaq għat-traffiku bejn is-1.00pm u s-1.30pm. Triq is-Sorijiet

**2.29** Irreferejna lill-ADT petizzjoni mingħand residenti ta' Triq Dun Karm Sant sabiex parti tat-triq indikata issir "one way" bil-maqlub ta' kif tinsab illum. Triq Dun Karm Sant

**2.30** Is-Sindku qal li irċevejna 338 applikazzjoni għat-tilqim kontra l-influwenza. Tilqim

2.30.1 Is-Sur L. Bonavia inkariga ruhu li jagħti dan is-servizz ta' tilqim fuq perjodu ta' 3 ijiem. Qal li ser ikollu nurse oħra tgħinu.

2.30.2 Filwaqt li rringrazzjah is-Sindku talbu biex jekk ma jkunx jista' jinfurmana mill-ewwel sabiex inqabdu nurse oħra.

2.30.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsill Lokali Żebbuġ u dak tal-Kalkara bil-kollaborazzjoni ta' M&E Management Group applikajna għal skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2010 bit-tema Festival Internazzjonali tal-Folk Malta. Festival Internazzjonali tal-Folk

## 3.0 Affarijiet Finanzjarji

**3.1** Il-Kunsill aprova nem con l-iskeda ta' pagamenti għall-servizzi u materjal li tammont għall €64741.24 li ġiet iffirmata mis-Sindku (App. 1)

**3.2** Il-Kunsill approva nem con rifużjoni ta' ħlas minħabba l-użu tal-karozza tagħhom fuq xogħol tal-Kunsill lis-

| | |
|---|---|
| Sindku | €107.10 |
| Seg. Eżek. | €44.80 |

**3.3** Il-Kunsill approva nem con li jsiru posters u flyers għall-attivita' 4 Walks in A Village of Culture li jammontaw għal €330.

**3.4** Il-Kunsill approva nem con li jinxtara karru biex jinġarru fuqu l-magni tat-tiswija tat-toroq li jiswa €1149.

**3.5** Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjonijiet dwar it-tisbiħ tal-latrini pubbliċi.

**a) Aċċessorji**
Minn 6 kwotazzjonijiet ġiet magħżula l-iżjed offerta vantaġġjuża sottomessa minn FALZON's Bathrooms għall-valur ta' €2766.(App.2)

**b) Xogħol ta' Kostruzzjoni**
Minn 4 kwotazjzonijiet ġiet magħżula dik ta' E. Busuttil Building Contractors għall-valur ta' €1050.(App. 3)

**c) Tqegħid ta' Madum, Elettriku, Ilma u Dranaġġ**
Minn 4 kwotazzjonijiet ġiet magħżula l-iżjed offerta vantaġġjuża sottomessa minn Stephen Pace għall-valur ta' €4950 (App.4)

Ser issir laqgħa maż-żewġ kuntratturi (Kwot b u c) fil-preżenza tal-Perit.

## 4.0 Rapporti dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri

**4.1** **<u>Frans Agius – Viċi Sindku</u>**

**4.2** Il-Viċi Sindku ta rendikont tal-Ħarġa Kulturali għall-festa tal-Vitorja.

4.2.1 Qal li s-Sur J. Vella offra li jagħti kors għall-kaxxiera tal-għaqdiet fuq bażi volontarja, li jinkludi 8 lezzjonijiet.

4.2.2 Qal ukoll li tkellem mas-Sur A. Massa dwar il-possibilta' li nibdew norganizzaw attivitajiet flimkien mal-Għaqda Poeti Maltin fil-qasam tal-poeżija. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.2.3 Il-Kunsill approva nem con li l-persuni hawn taħt imniżżla jkunu membri fis-Sotto Kumitat Wirt Storiku u Beni Kulturali :

**Joseph Farrugia, Jos. L. Vella, Alfred Massa.**

**4.3** **<u>Dr Omar Caruana LLd - Kunsillier</u>**

4.3.1 Dr Caruana qal li għadda xi rapporti lill-pulizija u talab statistika tal-kriminalita' fir-raħal.

4.3.2 Is-Sindku talbu sabiex jinsisti li jkollna preżenza ta' pulizija pajżana fi Ġnien Ovindoli u Ġnien Joanne.

4.3.3 Qal li qatt ma' kellu feedback mill-pulizija dwar il-laqgħat li jkollu magħhom.

4.3.4 Dr O. Caruana ppreżenta l-Pjan ta' Ħidma fil-qasam tal-Ordni Pubblika 2009-2010 (App. 5)

**4.4** **<u>Is-Sur Lawrence Bonavia - Kunsillier</u>**

4.4.1 Is-Sur L. Bonavia ppreżenta l-Pjan ta' Ħidma fil qasam ta' Saħħa u Kummerċ 2009-2010 (App.6)

4.4.2 Ippreżenta wkoll kriterji dwar attivitajiet minn azjendi kummerċjali u oħrajn.

4.4.3 Qal li ser jindaga dwar ħruġ ta' Byelaws dwar attivitajiet Kummerċjali.

**4.5** **<u>Is-Sinjura Doris Vella - Kunsilliera</u>**

4.5.1 Is-Sinj. Vella qalet li għada ser tiltaqa' għall-ewwel laqgħa tas-Sotto Kumitat u qed tippjana ħarġa għall-Ottubru.

*(Is-Sinj. D. Vella irtirat mill-laqgħa fid-8.45pm)*

**4.6** **<u>Is-Sur Keith Darmanin - Kunsillier</u>**

4.6.1 Is-Sur Darmanin qal li attenda għall-Parlament taż-Żgħażagħ fil-Partit Ħidma Soċjali.

4.6.2 Qal li saret il-Ħarġa ta' ġurnata f'Kemmuna.

4.6.3 Il-Kunsill qabel li jipprepara r-regolamenti għall-Premju Żagħżugħ tas-Sena. Ser iressaq l-abbozz finali għall-approvazjzoni tal-Kunsill.

4.6.4 Qali li s-Sotto Kumitat tiegħu għażel lir-Rebecca Tanti Dougal bħala Segretarja.

4.6.5 Ser isir football tournament għall-Novembru.

**4.7 <u>Is-Sur Ismael Dalli - Kunsillier</u>**

4.7.1 Is-Sur Dalli skuża ruħu li għad ma ppreżentax il-Pjan ta' Ħidma tiegħu.

4.7.2 Qal li qed jipprova jagħmel laqgħa mal-ADT.

4.7.3 Qal ukoll li qed jistenna *feedback* mingħand ir-residenti dwar il-messaġġ fil-fuljett.

4.7.4 Żied jgħid li attenda għal-laqgħa dwar is-sistema tal-ġbir tal-iskart. Qal li Dr Chris Said infurmana li ser ikollna iżjed fondi u ser tinħoloq sistema li tinċentiva s-separazzjoni tal-iskart. Id-disposal fee għar-rimi tal-iskart imħallat fil-landfill ser tkun ta' €20 kull tunnellata. Il-Gvern ser jgħaddi lill-Kunsilli Lokali il-flus relatati ma' din in-nefqa.

**4.8 <u>Chev. Paul Farrugia - Sindku</u>**

4.8.1 Is-Sindku qal li ser jagħmel 3 attivitajiet :

fl-20 t'Ottubru fil-Vivaldi Hotel
fl-24 ta' Novembru fis-Selmun Palace Hotel
fl-22 ta' Diċembru Premju Anzjan Tarxiniż

## 5.0 Ħwejjeġ Oħra

**5.1** Għal mistoqsija tas-Sur L. Bonavia, is-Sindku wieġeb li r-roundabout ta' ħdejn il-FALCAR ġiet imfassla mill-ADT; u li l-culverts li jwasslu għan-naħa ta' Raħal Ġdid tnaddfu.

## 6.0 Għeluq tal-Laqgħa

**6.1** Il-laqgħa ntemmet fid-9.15pm.

**6.2** Laqgħa oħra ser tinżamm fit-28 t'Ottubru 2009.

_____________________ _____________________

Maurice L. Mallia — Paul Farrugia
Seg. Eżek. — Sindku
28/10/2009